KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2021

17 ta' Novembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**11.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

11.1.1 Ma kienx hemm

**11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vince Bongailas ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-minuti ġew approvati unanimament

**11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

11.3.A **Jum il-Kalkara 2021 :** Is-Sindku spjega programm draft ta' kif ser titella' din l-attivita' għal din is-sena. Is-Sindku qal illi Jum il-Kalkara ser issir il-ġimgħa 10 ta' Diċembru u talab lill-kunsill iżomm il-ġurnata libera biex kulħadd ikun jista' jattendi. Talab ukoll illi min għandu xi ideat li jkunu idonji għal din l-attivita' tajjeb li wieħed javviċinah. Filgħaxija ser issir iċ-ċerimonja tat-tqegħid tal-fjuri bħas-snin preċedenti mbagħad fis-6 tiġi ċċelebrata quddiesa li din is-sena ser issir fil-Knisja tal-Kapuċċini. Wara ġieħ il-Kalkara ser jingħata fil-Kunvent tal-Patrijiet. Huwa spjega illi din għandha tkun xi ħaġa sabiħa u esperjenza anke forsi għal min qatt ma daħal fil-kunvent tal-Kapuċċini. Ġew emendati r-regolamenti kif diġa' wkoll ġie diskuss u deċiż f'seduti preċedenti. Is-Sindku qal illi l-attivita' ma tistax tammonta ammont ta' nies, minħabba l-pandemija. Ser tkun attivita' intima ħelwa biex jingħata dan it-titlu misthoqq. L-organizzazzjoni qed tiġi maħduma mis-Sindku kif ukoll mis-Seg bl-inqas spejjeż possibli ħabba raġunijiet ovji. L-applikazzjonijiet għan-nomini ħarġu wkoll. Is-Sindku qal illi mbgħad jiltaqa' l-kunsill biex tittieħed id-deċiżjoni finali għal min ser jieħu dan it-titlu. Is-Sindku sostna li fis-sitwazzjoni tal-pandemija u fis-sitwazzjoni finanzjarja, xorta ser inkunu qed infakkru dan il-jum kif jixraq

**B Trejqet il Milied 2021:** Is-Sindku spjega illi filwaqt li l-kunsill f'seduti preċedenti approva li l-kunsill japplika għal skema maħruġa mid-dipartiment visavi attivitajiet tal-Milied u l-applikazzjoni stess ġiet milqugħa u l-kunsill ingħata cirka €5000 biex itella attivita' għal żmien il-milied. 'Trejqet il-Milied' ser ikun it-titlu tal- attivita' li

ser tibda minn din is-sena. Is-Sindku qal illi hu jixtieq illi din l-attivita' għandha tkun xi ħaġa li ssir kull sena bi żvolġiment ikbar għal kull sena meta jkun permessibli. Trejqet il-Milied huwa biss it-titlu tal-attivita'. Triq Rinella ser tkun mimlija b'attivitajiet oħra biex kulħadd igawdi minn din il-ġurnata li hija t-8 ta' Diċembru filgħodu. Din l-attivita' wkoll qed tiġi msejħa Milied għat-tfal, fejn familja tista' ġġib it-tfal igawdu mill-entertainment kollhu li ser ikun hemm fit-triq. Is-Sindku spjega illi nfetħet paġna apposta fuq il-midja soċjali fejn kull attivita' li tiġi kkonfermata ser tkun qed tittella hemmhekk bħala informazzjoni għal kulħadd. Hemm ukoll organizzatur biex jamalgama kollox f'daqqa. Is-Sindku saħaq illi għandha tkun attivita' ħelwa għal dan iż-żmien tal-milied. Is-Sindku qal illi bin- natura tax-xogħol tiegħu ser ikun qed jagħmel l-għalmu tiegħu biex jirriklama din l-attivita' kemm jista' jkun biex ikollna ammont ta' nies mhux ħażin.

**C CCTV Triq il- Kapuċċini :** Is-Sindku spjega kif wara li nbeda l-proġett tax-Xatt u kellhom ukoll jitmexxew l-iskips li kien hemm fiż-żona, il-kunsll flimkien mal-GreenPak sab arranġament ġdid biex il-camera li kien hemm tissorvelja dawn l-iskips titmexxa għal Triq il-Kapuċċini ma' set ta' Bring In Sites li hemm f'din it-triq. Dan biex wieħed jikkonferma illi l-arranġamenti li kellna mal-awtorita' tal-GreenPak għadu attiv.

**D Sitwazzjoni Finanzjarja – Laqgħa mad-Dipartiment :**

Is-Sindku spjega illi aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra hu flimkien mas-Seg Eżek flimkien mal-accountants tal-istess kunsill kellhom meeting mad-direttur tal-finanzi fi ħdan id-dipartiment tal-kunsilli lokali. Dan kien meeting twil fejn bħala kunsill bil-għajnuna tal-accountants ippreżentajna draft ta' recovery plan kif ukoll budget ġdid għat-2022 biex il-kunsill jibda joħroġ mid-defiċit li għandu bl-aħjar mod possibli allavolja s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill hija waħda prekarja fil-preżent. Fil-jiem li ġejjin ser ikunu qiegħedin jiġu ffinalizzati d-dokumenti mitluba minn naħa tad-dipartiment kif ukoll ser jitlestew rapporti biex il-kunsill imur li l'hemm minn dak maħsub bit-talbiet neċessarji ma' Ministeri kkonċernati għal talbiet ta' żieda fl-allokazzjoni tal-istess kunsill. Is-Sindku saħaq illi l-kap finanzjarju tal-kunsill li tiġi l-istess Seg Eżek ġiet mitluba li tirraporta d-dipartiment dak kollhu li l-kunsill jgħaddi b'mod irresponsabbli f'dak li għandu x'jaqsam il-finanzi. Il-kunsill kellhu aktar mil-laqgħa waħda f'dawn l-aħħar ġimgħat mad-dipartiment abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill meta niġu biex napplikaw għal skema li mhux fonduta 100 percent. Il- kunsill qed jiġi 'black listed' minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu fejn fil-fehma tas-Sindku ma' tagħmilx sens. Is-Sindku spjega dak li ġie diskuss mad- dipartiment biex wieħed jifhem aħjar is-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li qiegħed fiha l-kunsill fil-preżent u biex wieħed jifhem aktar meta tiġi biex tittieħed deċiżjoni għaqlija meta wieħed jgħaddi vot jew mozzjoni fuq infieq li jiġi kkunsidrat żejjed fl-ispejjeż tal-kunsill. Ideat sostenibbli jridu jkunu ta' prijorita' at this stage. ' Bye laws ' li jridu jiġu attwati fil-lokal biex wieħed jiġġenera flus permessibbli mil-liġi. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi bħala kap finanzjarju hija fid-

dover illi tagħti parir lill- kunsill meta tkun ha tittieħed deċiżjoni li jaffettwaw il-finanzi tal-kunsill u ma tixtieqx tiġi f'pożizzjoni illi tirraporta d-dipartiment b'deċiżjonijiet mhux għaqlin tal-kunsill, biex tiġi ssalvagwardjata l-pożizzjoni tagħha visavi l-finanzi. Hija saħqet illi l-kunsll għandu jkun aktar 'on point' fid-deċiżjonijiet li jittieħdu visavi din is- sitwazzjoni.

**E Korrespondenza :**

**E1:** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar ittra li rċevejna mill-President bħala ringrazzjament għal ħidma li qed issir f'dawn il-ġranet visavi l-fun run 2021. Is-Sindku żied jgħid illi jinsab sodisfatt immens illi lokal daqshekk żgħir bħal Kalkara laħaq persentaġġ għoli ta' parteċipanti għal din il-fun run. Hija xi ħaġa sabiħa mmens illi wieħed jara l-entużjażmu tar-residenti. Is-Sindku qal illi jinsab il-veru sodisfatt anke bl-għajnuna tal-kunsilliera li rreġistraw kollha u ser ikunu qed jipparteċipaw waqt din il-fun run stess. Sabiħ illi l-kunsill ġibed ħabel wieħed u jara riżultat bħal dan. Is-Sindku qal ukoll illi għamel li seta' biex anke qabel il-fun run stess ikun hawn atmosfera ħelwa għal parteċipanti kif ukoll hemm possibilta' illi l-fun run tal-lokal tal-Kalkara tiġi mxandra fuq l-istazzjonijiet lokali ukoll.

**E2** Laqgħa Pubblika : Ser issir nhar l-1 ta' Diċembru 2021 6:30pm

E3 Patt ta' ħbiberija mall-Kunsill Lokali ta' Sannat- il-kunsill ta' Sannat bgħatilna ittra formali biex jistaqsi formalment illi jekk il-kunsill tal-Kalkara għadux interessat illi dan il-patt jibqa' attiv bejn iż-żewġ kunsilli. Is-Sindku qal illi s-Seg Eżek għandha tikteb formalment lis-Seg Eżek tal-kunsill ta' Sannat biex wieħed jikkonferma l-interess tagħna lejn dan l-istess kunsill.

E4 Il-kunsill qabel unanimament illi għandha tinħareġ il-call formali biex is-Sur Bilocca ikun jista' japplika għal skala aħjar milli għandu la darba l-kunsill ukoll qed jipprepara għar-recovery plan biex itejjeb il-qagħda finanzjarja tal-kunsill fejn iż-żieda ta' paga tiegħu ser tkun qed tiġi mirbuħa mir-reduced hours li ingħataw lill-impjegata oħra fi ħdan l-istess kunsill.

E5 Is-Sindku qal illi f'xi seduti preċedenti kienu ħadu vot fuq il-klinika jekk għandiex tgħaddi totalment għand il-Kura Primarja. Huwa saħaq illi bil-liġi skond il-voti li ingħataw il-vot għadda favur il-fatt illi l-binja u b'dak kollhu li ġġib magħha taqa' taħt il-Kura Primarja dirett.

**F Punti Generali :**

Ma kienx hemm

**11.4 1(10.3 A)** It-tender ħareġ u għaddej bil-proċess kif stipulat bil-liġi fuq is-Sistema ta' epps dan wara li inġab permess formali mid-dipartiment anke minħabba raġunijiet finanzjarji kif ġew diskussi f'punti qabel waqt din l-istess

seduta. Is-Sindku qal illi ser ikun qed jaġġorna l-istess kunsill bil-proċess li jkun qiegħed jiġri u għaddej visavi din is-sejħa għal offerti. Tajjeb li wieħed jgħid illi d-dewmien ta' ħruġ ta' dan it-tender swietna għola fil-prezzijiet fil-market tal-istess vannijiet li jaħdmu fl-elettriku.

**11.4 2 ( 10.3D)** Is-Sindku ta rendikont fuq l-iżviluppi l-ġodda fuq il-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt. Fejn spjega u jifhem l-inkonvenjenzi tan-nies kemm b'nuqqas ta' parkeġġ kif ukoll bl-istorbju li qed jiġġenera bil-makkinarji eċċetra. Hu wkoll kellu laqgħa formali mal-GHRC fejn spjegawlu ċertu materjal fuq pjanta ffinalizzata biex ukoll jiġu mneħħija forsi xi anomaliji li kien hemm. L-istess GHRC kellhom ukoll laqgħa mal-każin San Ġużepp fuq monument li huma ssuġġerew li jitpoġġa wara li jiġi rriġenerat ix-Xatt.

**11.4 3 (10.4 1)** Għal dan il-punt kien hawn preżenti wkoll 2 membri mill-board mqabbad mill-kunsill biex jispega t-tekniċita tal-kwistjoni qabel mal-kunsill jieħu d-deċiżjoni finali. It-tender ġie spjegat u ffinalizzat b'żewġ kuntratturi interessati. It-tender ħareġ fuq bażi ta' sentejn hekk kif ġie ggwidat il-kunsill mid-dipartiment stess. Ġew ukoll trashjati xi klarifikazzjonijiet li kien hemm bżonn u l-kuntratturi wieġbu għal dak li l-board talab saż-żmien stipulat. Dawn l-offerturi ġew reveduti b'reqqa permezz tal-membri kollha tal-board fejn il-financial situation eskalat dan wara ukoll li l-prezzijiet għal tender bħal dan sparat b'iktar minn 3 darbiet għal dak li l-kunsill qed iħallas bħalissa. Is-Sur Mifsud membru mill-board spjega illi l-prezz huwa dak li hu pero' l-iskart hija xi ħaġa essenzjali mill-obbligi bażiċi tal-kunsill. L-offerta idonja ġiet compliant anke meta tqabbel prezz ma' kunsilli oħra bl-istess residenti jħallsu anke iktar minn dak li t-tenderja l-offertur idoneja. Tajjeb li wieħed jgħid illi t-tender ħareġ b'mod aċċelerat minħabba illi l-kuntrattur preżenti ser jieqaf kompletament mill-business tiegħu ta' ġbir ta' skart wara li ngab il-permess neċessarju biex dan seta jsir. Intgħażlet l-irħas offerta illi fejn bil-liġi hija compliant għal dak kollhu li talab il-kunsill fit-tender document stess. Il-qabża fil-prezz tal-preżent fejn dak ta' dan l-offertur hemm qabża konsiderevoli meta wieħed iqabbel pero' l-board spjega illi l-prezz tas-suq fil-preżent jaqbel ma' dan l-offertur li ġie compliant. Din il-qabża fir-rata ġiet ukoll ġiet diskussa mal-accountant tal-istess kunsill biex tiġi nkulża fir-recovery plan illi l-kunsill qed iħejji kif ukoll inkluża fil-budget tat-2021. Il-kunsill qabel unanimament illi l-irħas offertur għandha tintbgħatlu n-nota bħala rebbieħ u titkompla l-proċedura biex finalment jibda jopera hekk kif jispiċċa l-kuntrattur preżenti.

**11.4 A Punti Ġenerali mill-minuti Preċedenti ;**

**Ma kienx hemm**

11.5i Is-Sinjura Chircop staqsiet x'sar minnhu s-Seabin li kien imweħħel ix-Xatt qabel ma inbeda l-proġett ta' riġenerazzjoni tal-istess żona. Is-Sindku wieġeb u

ikkonferma li dan ġie żarmat minn naħa tal-kuntattur li qed jaħdem dan il-proġett u b'kollaborazzjoni mal-NGO żibel inġabar u qiegħed storjat għandhom sa ma jieħu posta wara r-riġenerazzjoni stess. Is-Sinjura Chircop ukoll saħħqet illi l-plakka baqgħet ma ntweħlitx minn naħa tagħhom bħala ringrazzjament lejn in-nies li għenu finanzjarjament biex dan iseħħ. Il-plakka flimkien mal-istruttura perse trid titweħħel wara r-riġenerazzjoni tax-Xatt stess.

11.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

11.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera

1 Mistoqsija rigward l-IT Centre meta ser ikun lest biex hija tkompli bi ħsieb li tagħti xi korsijiet u jintuża dak il-post. Is-Sindku qal illi l-bulk ġie kklirjat u sar ukoll xi maintenance fuqu wkoll u dalwaqt ser ikun lest biex jintuża għal li jkun hemm bżonn.

2 Taraġ San Ġużepp hija qalet illi ġiet sitwazzjoni żżejjed għar-residenti li joqgħodu fiż-żona wara li għamlu aktar minn 3 snin fl-iskomdu tas-sitwazzjoni. Hija saħqet li hemm bżonn illi wieħed jerġa' jkellem il-min hu responsabbli biex dan jingħalaq kif suppost.

3 Pickless butcher żona tat-traffiku. Żona perikoluża mmens peress li għad hemm il-barriers on site. Is-Sindku qal illi n-nies għandhom miljun raġun fuq is-sitwazzjoni taż-żona fejn baqgħet bla asphalt minn naħa tal-WSC il-għaliex dan kien proġett li jgħajjat lilhom dirett. Is-Sindku qal illi ma kinitx deċiżjoni għaqlija illi jingħata t-tarmac fiż-żona meta hemm it-toroq tal-madwar kollha magħluqin ħabba l-istess xogħol dan anke ħabba r-residenti fiż-żona li ma kellomx alternattiva minn fejn ser jgħaddu biex jidħlu ġo darhom.

11.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

1 harga bforma ta breakfast bkelliema fejn kellna harga interessanti immense li saret fdin il gurnata stess

2 qed tippjana harga biex izuru il presepji armati. Jew malta u ghawdex

3 harga kulturali ukoll qed tigi ippjanata gax xar ta dicembru relatat mal ghazel prodott malti

11.5 d Ħin Allokat għas -Sinjur Christopher Bruno – Kunsillier

1 Is-Sur Bruno qal illi sfortunatament ma wasal imkien mal-awtorita' tas-saħħa minħabba kumplikazzjonijiet li inħarġu biex wieħed iġib blood bank u bbukjah għas-sena d-dieħla anke minħabba l-fatt il-għaliex illi kien tard wisq meta bdew id-diskussjonijiet.

Is-Sur Bruno qal illi qed jipprova jirranġa biex tinġieb 'demo' tac-civil protection fl-akkwata tal-uffiċini tal-kunsill fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara.

**11.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**11.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**11.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 11.20

**11.7 Mozzjonijiet**

**11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

11.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-6:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-1 ta Diċembru 2021 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv